**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TNEJN U TLETIN 23TA' FRAR, 2022**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, l-Viċi Sindku s-Sur Ignatius Farrugia u l-Kunsillieri s-Sinjura Marisa D'Amato, Dr Tiffany Ann Attard, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **32.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 32.1.1 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud informa li ma jistax jattendi fis-seduta minħabba raġuni famijari. Dok 1 mehmuż |
| | | |
| **32.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 32.2.1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato fuq punt 31.4.6 qal, li l-Kuntrattur tad-dawl għamel prova li ser tixgħel palma fi Vjal il-Blue Grotto mil-lum. Jekk tintogħgob mill-kunsill, ikun jista jagħtina stima tal-proġett.<br><br>Fir-rigward tal-Youth Centre, is-Sindku qalet li tkellmet mal-Arċipriet u infurmha li d-djar li kienu qed jintużaw miż-żgħażagħ fi snin preċedenti, huma djar privati, imma qal, li hemm dar fi Triq iċ-Ċombini li hi tal-knisja, li tista tingħata għal dan l-iskop. |
| | | |
| 32.2.2 | | Ġew approvati l-minuti tal-wieħed u tletin - il seduta. |
| | | |
| ***32.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 32.3.1. | | Is-Sindku Rita Grima, fil-bidu tas-seduta, f'isem il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq ippreżentat bukkett fjuri lil Jessica Borg Ghigo li ġiet l-ewwel f'kompetizzjoni tal-isports Bulletproof u lill- Ryan Hili u Aiden Drakard li ġew l-ewwel u t-tieni rispettivament f'kompetizzjoni tal-kant X Factor u lis-Sur Mark Bajada li hu entrepreneur tas-sena (kuntrattur tal-panelli solari). Ingħataw ukoll plakki lill-George Fenech u Neil Camilleri tas-suċċess li kisbu fit-tluq tal-ħamiem.<br><br>F'Dan il-ħin daħal il-Kunsillier Kenneth Farrugia 18:49. |
| | | |
| 32.3.2 | | Is-Sindku qalet li issa li tħabret il-ġurnata tal-elezzjoni u li mhux ser issir f'Ġunju, il-Kunsill jista jibda jipprepara għal Jum iż-Żurrieq u Ġieħ/Ċittadin Ewlieni. Għalhekk jista jibda l-proċess li jinfetħu l-applikazzjonijiet għan nomini. Hi pproponiet li jinżamm l-istess kumitat li kien hemm qabel, biex jagħżel l-aħjar nomina għal Ċittadin Ewlieni u għall-persuni li jieħdu Ġieh iż-Żurrieq. Mal-persuni tal-aħħar kumitat hi ssuġġeriet żewġ persuni oħra (li isimhom jinsab mehmuż mal-minuti) minħabba li żewġ persuni li kienu fil-kumitat preċedenti, kienu ġew innominate mil-Kunsillier Kenneth Farrugia. Kien hemm qbil fuq dan.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jistieden lin-nies jinnominaw lil min iridu għal dan il-ġieh.<br><br>Is-Sindku Rita Grima, qed tipproponi li jingħata premju ta' rikonoxximent lill-membri parlamentari kollha li ħadmu għaż-Żurrieq. Hi qalet li tissuġġerixxi ukoll li jingħataw rikonoxximent il-persuni li ġew illum waqt is-seduta (ara punt32.3.1).<br><br>F'dan il-ħin daħal għas-seduta Kaydem Schembri 18:55. |
| | | |
| 32.3.3 | | Is-Sindku qalet li Dar Mattia Preti bħalissa mhu qed juża ħadd għax tal-Leap m'għadhomx jużawh il-post. Hi qalet li l-post ser jitnaddaf u titneħħa l-amara li m'hemmx bżonnha. |
| | | |
| | | |
| ***32.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 32.4.1 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li hemm bżonn li l-Kunsill jibgħat reminder fuq min hu s-sid ta' Wied Babu. |
| | | |
| | | |
| 32.4.2 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet :<br>• li jeħtieġ li issir tabella temporanjament meta tingħalaq it-Triq San Mikiel għal festi. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fi Triq il- Qrendi għad hemm ħajt imwaqqa minn wara l-maltemp. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dak ħajt privat. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Hemm korsijiet ta' satgħejn fuq first aid u fire prevention, li jiswa 50E kull persuna u jagħtuk 40E vouchers f'affarijiet ta' first aid. Ma kienx hemm qbil li l-Kunsill iħallas għal tali kors. Il-Kunsill qabel li joffri l-post biex isiru l-korsijiet.<br>• Staqsiet fuq il-ħajt li qed jinbena fi Triq il-Wied. Is-Sindku qalet li tkellmet mal-PW biex jagħmlu tali ħajt u dawn ma setgħux jagħmluh tas-sejjieħ, imma tal-franka biss. L-istimi tal-ħajt tas-sejjieħ kienu għoljin wisq. Kien ser jiġi jiswa lill-Kunsill eluf ta' euro. Il-Kunsillier Marisa D'Amato baqgħet tinsisti li lokalitajiet oħra l-Gvern qed jagħmilhom tas-sejjieħ u fiż-Żurrieq qed isir bil-kantun tal-franka.<br>• Il-Kunsill għandu jikteb lill-Infrastructure Malta biex Misraħ Mattia Preti ukoll tkun inkluża mal-proġetti li qal il-Gvern fil-manifest elettorali, biex jitħaffer il-misraħ u jsir parkeġġ taħt l-art. Kien hemm qbil li dan il-punt għandu jitressaq meta tibda leġilatura Governattiva oħra.<br><br>F'dan il-ħin daħal il-Kunsillier Dino Bonnici 19:06 |
| | | |
| 32.4.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li l-Kuntrattur tal-ġonna qed jagħddi lill-Kunsill biż-żmien. Qed jaqtgħa l-ħaxix selvaġġ bil-grass cutter u mhux bl-imasqa. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hu ukoll tkellem mal-impjegati biex jinżabru ċertu siġar u ilu aktar minn sitt xhur biex jagħmilhom. Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa javżah b'ittra ta' twissija u ma jitħallasx tax-xahar ta' Frar minħabba n-nuqqas ta' xogħol li qed jieħu l-Kunsill. Kien hemm qbil li l-Kunsill jieħu parir tal-avukat biex jiġi tterminat il-kuntratt. |
| | | |
| 32.4.4 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal :<br>• li l-ewwel sleeping policeman fi Triq Ħal Far qed tinqala biex issir il-manutenzjoni tagħha. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Ħajt ta' għalqa fi Triq iż-Żebbuġa waqa wara li bnewħ ta' Infrastructure Malta, jeħtieġ li l-Kunsill jibgħat biex jerġa jinbena mil-ġdid.<br>• Resident qed jitlob li titneħħa parti minn bankina bla użu fi Triq il-Mitħna u jsir parkeġġ ta' mutur. Kien hemm qbil li l-parking tal-mutur jkun jista jintuża minn kulħadd u l-parti tal-bankina indikata tista tinqala mis-sid tad-dar stess. |
| | | |
| 32.4.5 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa:<br>• fuq il-bankina fi Triq il-Qroll minħabba l-parkeġġ. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-perit ma tagħax feedback.<br>• Staqsa fuq il-ġbir tal-borża l-ħadra biex issir fuq jumejn mhux darba fil-ġimgħa biss. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fl-10 ta' Frar kien hemm post fuq FB fuq iż-żewġ niċeċ ta' San Pawl li hemm bżonn manutenzjoni fuqhom. Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li meta joħorġu fondi l-Kunsill japplika għalihom.<br>• Kien hemm rapport fuq Times of Malta li f'Hal Far ser issir airstrip għal-ajruplani li jaħdmu bir-remote control. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jiġi infurmat x'ser isir u mhux isir jaf mill-mezzi soċjali. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Jieħu gost li jara lill-Kunsilliera jattendu għal-logħob tal-football li qed isir miż-Żurrieq FC peress li jinsabu f'pużizzjoni tajba li jitilgħu. |
| | | |
| **32.5.a** | | **Unaudited Financial Statements 2021** |
| | | |
| 32.5.a1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni l-unaudited financial statements maħduma mill-accountant tal-Kunsill. Dawn ġew approvati.<br>Infurmat li l-awdituri ser jiġi fil-bidu ta' Marzu. |
| | | |
| ***32.6*** | | ***Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa*** |
| | | |
| ***32.6a*** | | ***Slow Streets*** |
| | | |
| 32.6a.1 | | Is-Sindku Rita Grima ssuġġeriet dan li ġej:<br>• Fil-festi pubbliċi jibdew jingħalqu Misraħ Mattia Preti, Triq P P Saydon, Misraħ Repubblika u Triq il-Kbira.<br>• Jiġu avżati r-residenti biex ma jipparkjwax f'dawn il-postijiet imsemmija<br>• Jiġu avżati l-każini u ħwienet biex bejn it-8:00 u 14:00 jkunu jistgħu joħorġu l-imwejjed u siġġijiet.<br>• Ninfurmaw lill-iscouts u liz-Zurrieq Wolves u liż-Żurrieq FC nursery, biex jagħmlu xi logħob għat tfal waqt li l-pjazzez u t-toroq jkunu magħluqa.<br>• Kien hemm qbil fuq dan. Kien hemm qbil li l-ewwel prova tkun fil-31 ta' Marzu.<br><br>F'dan il-ħin ħareġ mis-seduta il-Viċi Sindku 20:00 |
| | | |
| | | |
| **32.6b** | | **Gabbani tal-Festi** |
| | | |
| 32.6b.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fil-Kunsill saret laqgħa bejn s-Sindku, il-Kunsilliera Marisa D'Amato u Kaydem Schembri u l-impjegata li tieħu ħsieb il-permessi tal-gabbani tal-festa.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv qrat dak li ġie diskuss fuq il-monitor, ħalli min ma kienx preżenti fil-laqgħa, jkun infurmat. Il-Kunsillier Kaydem Schembri spjega kif qed jissuġġerixxi li dawk li għandhom il-ġust għax ilhom jokkupaw il-post tal-gabbana sa minn qabel is-sena 2006, jibqgħu jarmaw fejn kienu jarmaw fis-snin preċedenti. Fuq l-oħrajn li ma kienux jarmaw qabel is-sena 2006 għandhom jitilgħu bil-polza ma' dawk li japplikaw ġodda. Dan jgħodd għat-toroq kollha ħlif għal dawk li jarmaw fi Triq P P Saydon b'ikel tradizzjonali malti.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li jeħtieġ li l-Kunsill jitkellem mal-union jew assoċjazzjoni tal-gabbani u l-Kunsill jara il-veduti tagħhom qabel tittieħed azzjoni. Kien hemm qbil fuq dan. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li jeħtieġ li jsir kors fuq data protection għall-Kunsilliera. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***32.7*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| ***32.7°*** | | ***Ħruġ ta' sejħiet għall-offerti: Street Sweeping and cleaning and Contract Manager Service (Perit)*** |
| | | |
| 32.7a.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet li l-Kuntratti tal-Perit (contract manager service) u tal-knies tat-toroq ser jiskadi f'Awwissu. Kien hemm qbil li jinħarġu l-offerti l-ġodda.<br><br>Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tieħu linja gwida mid-DLG, jekk il-Kunsill jistax iżid klawżola fuq id-dokument tat-tender, li jekk ikun hemm offerent li diġa ta servizz ħażin lill-Kunsill, il-Kunsill ikollu d-dritt li ma jgħażilix, anke jekk tkun l-orħos offerta.<br><br>Kien hemm qbil li din il-klawżola tkun fid-dokumenti tat-tenders kollha. |
| | | |
| 32.7.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fit-2 ta' Frar, ħarġet applikazzjoni għal fondi fuq installazzjoni ta' Strumenti Percussions li jigu installati fil-ġonna pubbliċi. *MFER/51/2021: Expression of Interest - Installation of Outdoor Ground Fixed Percussion Exhibits*, li kienet tagħlaq fil-11 ta' Frar.<br>Minħabba l-urġenza tal-applikazzjoni, hi kienet infurmat lill-Kunsill permezz ta' email fejn 7 kunsilliera, inkluż is-Sindku wieġbu fl-affermattiv. Għalhekk hi bagħtet applikazzjoni biex tali *percussions* jiġu nstallati fi Ġnien it-Tfal taż-Żurrieq.<br><br>Din it-talba kienet saret mis-Sindku bi qbil mal-Kunsillier Kenneth Farrugia inkarigat mill-ġonna. Kien hemm qbil unanimu fuq din l-applikazzjoni. |
| | | |
| 32.7.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħarġet skema SPI/SCI/2/2022 ta' Community Inclusive Employment Scheme u flimkien mas-Sindku ġie ssuġġeriet li l-Kunsill japplika għall-ħaddiem part time (20 siegħa)biex jagħmel xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix selvaġġ bil-grass cutter u knies tal-istess ħaxix u jinġabar fil-boroż.<br><br>Kien hemm qbil unanimu fuq dan. |
| | | |
| 32.7.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fit-28ta' Frar, 2022 tagħlaq applikazzjoni għal Skema għal Kunsilli Lokali fuq Proġett Ambjentali 2022. Waqt seduti preċedenti l-Kunsill kien qabel li jagħmel pots kbar fi Triq P P Saydon b'siġar sbieħ, biex isebbaħ l-ambjent.<br>Kien hemm qbil li għal din l-applikazzjoni,l-Kunsill japplika għal tali proġett ta' 20 pot b'siġar kbar, taħt Kategorija C – Tisbieħ.<br>Jekk il-Kunsill jieħu tali fondi jkun irid joħroġ 15% mill-fondi tiegħu. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 32.7.5 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br>• Infurmat li fl-aħħar seduta Kunsilliera talbu biex quddiem garaxx fi Triq P P Saydon jitneħħew il-linji sofor minħabba li tali garaxx għadu ma jintużax. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li f'dan il-garaxx jiddaħlu vetturi u għalhekk il-linji tħallew. Sid l-istess garage ta' Triq P P Saydon qed jitlob li l-Kunsill jagħmillu bankina bi drop kerb, ħalli jkun jista jdaħħal il-vettura tiegħu bil-kumdita u mhux joqgħod joħroġ ir-rampi tal-injam. Ma kienx hemm qbil li ssir drop kerb imma s-sid għandu jibqa joħroġ ir-ranep tal-injam bħal mhu qed jagħmel bħalissa.<br>• Infurmat li fl-aħħar seduta kunsilliera qablu li titneħħa kaxxa safra quddiem garaxx fi Vjal il-Blue Grotto, liema garaxx jintuża ta' uffiċċju. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ma kien hemm l-ebda linji quddiem il-garaxx imsemmi.<br>• Bankina kbira fi Triq Santa Marija biex issir parkeġġ ta' 4 vetturi. Kien hemm qbil li jinġibu l-permessi meħtieġa.<br>• Il-wheelchair fuq bankina fi Triq il kbira ma jgħaddix jekk ikun hemm U bar u lanqas bħalissa li m'hemm xejn u f'Misraħ Repubblika jgħaddi wheelchair, imma xorta hemm postijiet li l-bankina tidjieq u xorta ma jkunx jista jgħaddi. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li ġaladarba bil-U bars u bla U bars, wheelchair xorta ma jgħaddix, hu ma jsibx oġġezzjoni li jsiru U bars. Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li fis-seduta ta' qabel din, kien hemm qbil li jsiru ġaladarba wheelchair jgħaddi. Għalhekk dan il-punt ma għandux jiġi diskuss imma għandu jkun hemm qbil. Il-Kumplament tal-Kunsilliera ma qablux li jsiru.<br>• Intalbu l-permessi biex jinbdew ix-xogħlijiet fl-isqaqin. Is-Sindku rat l-istat tal-aktar sqaqin prominenti u tablet li jinġibu l-ewwel permessi għal Sqaq il-Ħelu u Trejqa Santa Katarina.<br>• Il-Kunsill intalab li ż-zebra crossing li ser issir fi Triq Bronja tkun bħal dawk li saru fi Triq il-Kuċċard (sleeping policeman u zebgħa ta' crossing fuqha). Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Sid ta' dar fi Triq il-Kunċizzjoni qed titlob ghal bollard għax qed issirilha ħsara fil-faċċata. Is-Sid lest li jħallas hu. Ma kienx hemm qbil.<br>• Waqt laqgħa li l-Kunsill kellu mal-pulizija, l-Kunsill reġgħa intalab biex isiru double yellow lines quddiem iz-Zurrieq Wolves Club, minħabba l-inċidenti li jkun hemm meta jkun hemm vetturi pparkjati. Kien hemm qbil li jsiru double yellow lines kif issuġġerew il-pulizija. Kien hemm qbil li f'Mejju għandu jiġi mistieden is-Supretendent tal-pulizija fis-seduta tal-Kunsill.<br>• Persuna li taħdem ta' nutritionist tixtieq torganizza korsijiet ta' nutrition fiż-Żurrieq. Kien hemm qbil fuq dan jekk is-sala tkun disponibbli għaliha.<br>• TM irrappurtat li Scicluna Florist għandha loading and unloading bay, li tinsab illegali. Kien hemm qbil li TM tkun infurmata biex jekk dan hu l-każ, titneħħa.<br>• TM qalet Pet Shop fi Triq Filippu Farrugia talab un/loading u infurmaw li Pet shop għandu dritt għaliha. Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qabel li ssir għax il-bay l-oħra dejjem qed tkun okkupata . Il-maġġoranza ma qablux minħabba li fl-istess triq u viċin hemm oħra diġa. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Persuna staqsiet jekk il-Kunsill jridx li jixtri d-dar tagħha fi Triq il-Qrendi biex jużha bħala night shelter. Ma kienx hemm qbil fuq dan minħabba li l-Kunsill diġa qed jiddiskuti night shelter ma kuntrattur ieħor.<br>• Persuna li tagħmel wirja tat-tajr fuq il-ħnejja, qed titlob li jkollu store taħt ir-railing biex ikun jista jpoġġi – umbrella, bandiera, stand tal-għasafar u xi ikel. Ma kienx hemm qbil fuq dan, minħabba li jistgħa jinħoloq preċedent.<br>• Biex issir sleeping policeman fi Triq il-Barrieri ftit qabel tmur lejn Garden of Eden. Mehmuż firem ta' min iridha. Il-maġġoranza tal-Kunsill ma qablux, anke għal fatt li l-Kunsill m'għandux provi jekk min iffirma għandux l-għalqa hemm.<br>• Il-kunsill irċieva ittra biex issir sleeping policeman fi Triq il-Mitħna, imma l-ittra mibgħuta hi iffirmata minn familja waħda biss. Il-maġġoranza tal-Kunsill ma qablux. |
| | | |
| ***32.8*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-<br>ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 32.8.1 | | Ġew approvati l-minuti ta' Reġjun Punent u l-minuti tal-Gal Xlokk numru 123/2022. |
| | | |
| ***32.9*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 32.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 8** għall-ammont totali ta' € 49,619.13<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-kunsilliera Kyle Mifsud u Dino Bonnici. |
| | | |
| ***32.12*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 32.12.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-21:20 Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa ta' 16ta' Marzu, 2022, fis-6:15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 16 ta' MARZU 2022.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**